REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 380/2013

tal-25 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1141/2010 fir-rigward tas-sottomissjoni tad-dossier komplet supplimentari lill-Awtorità, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-elenku ta' dawk is-sustanzi [2] jipprovdi għas-sommarju supplimentari tad-dossier, kif aġġornat biex jieħu inkonsiderazzjoni l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Istat Membru relatur, li għandu jiġi sottomess mill-applikant lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità"), lill-Istati Membri l-oħra u, jekk issir it-talba, lill-Kummissjoni meta r-rapport dwar l-ivvalutar tat-tiġdid ikun sottomess lill-Kummissjoni.

(2) Il-prattika turi li l-maġġoranza l-kbira tad-dossiers għall-approvazzjoni jew tiġdid tal-approvazzjoni huma evalwati mill-Awtorità. Biex jippermetti lill-Awtorità tagħti l-konklużjonijiet tagħha fuq l-ivvalutar tar-riskju kollu jew fuq punti speċifiċi, huwa madanakollu meħtieġ li d-dossier supplimentari komplet ikun sottomess lill-Awtorità flimkien mas-sommarju supplimentari tad-dossier. Id-dossier supplimentari komplet għandu jiġi sottomess ukoll lill-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha jkollha l-possibbiltà li titlob is-sottomissjoni tad-dossier supplimentari komplet.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1141/2010 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1141/2010

Fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) Nru 1141/2010, jiżdied is-subparagrafu segwenti:

"Barra minn dan, l-Istat Membru relatur għandu jitlob lill-applikant biex jissottometti d-dossier supplimentari komplet lill-Awtorità, lill-Istati Membri l-oħra u, jekk issir it-talba, lill-Kummissjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
[2] ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10.